MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**LORRAINE SCHEMBRI ORLAND**

Seduta tas-16 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 820/2005

**Edward Chilton (I.D. Nru. 787757M)**

**vs**

**General Repairs Limited**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 7 ta’ Settembru 2005 fejn l-attur espona: -

Illi fis-16 ta' Mejju 2002 ghal habta tas-1.15 p.m., l-attur, impjegat tas-socjeta` konvenuta, korra serjament meta waqa' gholi ta' zewg metri filwaqt li, fuq inkarigu tal-istess socjeta` konvenuta, kien qed jaghmel xoghol ta' manutenzjoni fil-Port Hieles, Birzebbuga, fuq makkinarju

maghruf bhala "Fantuzzi Nru.55" li jintuza sabiex ighabbi jew ihott *containers*;

Illi l-incident tal-attur u l-korriment konsegwenti tieghu, sehh ghaliex is-socjeta` konvenuta, bhala l-"employer" tal-istess attur, ma zguratx is-sahha u s-sigurta' tal-attur waqt ix-xoghol u lanqas ma adottat dawk il-mizuri ta' prevenzjoni ta' korrimenti fuq ix-xoghol stabbiliti mil-ligi kif kien obbligu taghha li taghmel bhala "employer" tal-attur skont Art.6 (1) u (2) tal-Kap. 424 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Avviz Legali 52 tal-1986;

Illi l-incident tal-attur u l-korriment konsegwenti tieghu gara unikament htija tas-socjeta` konvenuta minhabba imprudenza, imperizja, negligenza u inosservanza tar-regolamenti skont l-Art. 1031 u 1032(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Illi konsegwenza tal-incident, l-attur korra gravament, kien fil-periklu tal-mewt u llum ghadu qed ibati minn debilita` ta' natura permanenti (Dok.A sa Dok.C);

Illi l-attur garrab danni konsistenti minn ‘lucrum cessans’ *oltre* ‘damnum emergens’ kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

Illi s-socjeta` konvenuta, ghalkemm kienet debitament interpellata ufficjalment sabiex taghmel tajjeb ghad-danni subiti mill-attur, baqghet inadempjenti;

Tghid ghalhekk is-socjeta` konvenuta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikjaraha ghar-ragunijiet fuq premessi bhala unikament responsabbli ghall-incident fuq riferit u ghad-danni kollha li bhala konsegwenza tal-istess garrab l-attur.

2. Tillikwida d-danni tal-attur *occorrendo* bl-opra ta’ periti nominandi.

3. Tikkundannaha sabiex thallas lill-attur dak l-ammont li jigi dikjarat bhala dovut lilu *in linea* ta’ danni.

Bl-ispejjes, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tas-16 ta' April 2004, u bl-imghax legali kontra s-socjeta` konvenuta li hija ngunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta` General Repairs Limited datata 17 ta’ Ottubru 2005 (fol 16) fejn esponiet: -

1. Illi hija qed taccetta responsabbilta' ghall-incident mertu ta' din il-kawza izda qed tikkontesta r-rapporti medici li abbazi taghhom l-attur qed jippretendi li jigu likwidati d-danni;

2. Illi l-ftehim barra l-Qorti baqa' ma sehhx minhabba li l-attur baqa' jinsisti fuq ammonti li jeccedu dak li huwa gustament lilu dovut u ghalhekk is-socjeta` eccipjenti m'ghandhiex tbati l-ispejjez ta' din il-procedura;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez.

Rat li din il-kawza giet appuntata ghas-smigh mill-Qorti kif diversament presjeduta ghas-seduta tal-21 ta’ Gunju 2006.

Rat ir-rapport tal-Espert Mediku Dr. A Galea Debono pprezentat fis-6 ta’ Lulju 2006 (fol 58).

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta’ Mejju 2007 (fol 70) mizmuma quddiem il-Qorti kif diversament presjeduta fejn il-Qorti semghet it-trattazzjoni estensiva tal-avukati tal-partijiet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-12 ta’ Lulju 2007; u l-verbali tas-seduti l-ohra kollha fejn il-kawza baqghet ghas-sentenza ghat-28 ta’ Frar 2013.

Rat is-surroga datata 16 ta’ Jannar 2013 fejn din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti kif hekk presjeduta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta’ Frar 2013 mizmuma quddiem il-Qorti kif hekk illum presjeduta fejn meta ssjehet il-kawza dehret Dr. Alexia Zammit Mckeon ghall-

attur li assumiet il-patrocinju tal-istess. Is-socjeta` konvenuta msejha tliet darbiet baqghet ma dehritx. Dr. Zammit Mckeon gibdet l-attenzjoni tal-Qorti ghaz-zewg prospetti a fol 65 u 68 tal-process u rigward dak hemm mitlub ser tipprezenta nota ta' referenzi bil-kazistika l-aktar ricenti fuq dan il-punt fi zmien hmistax-il jum (15) minn dan id-digriet. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghas-16 ta' Mejju 2013

Hadet konjizzjoni tal-provi prodotti.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

Din hija kawza li tirrigwarda korriment li sehh fuq il-post tax-xoghol fil-kors tal-impieg tal-attur mas-socjeta` konvenuta. Fin-nota tal-eccezzjonijiet taghha, s-socjeta` *General Repairs Ltd*. accettat ir-responsabbilta` tal-incident izda qed tikkontesta r-rapporti medici li abbazi taghhom l-attur qed jippretendi li jigu likwidati d-danni. Fil-fehma taghhom, l-attur qed jippretendi hafna iktar milli fil-fatt huwa lilu dovut bhala kumpens ghall-incident mertu tal-kawza odjerna.

L-incident sehh fis-16 ta' Mejju 2002 meta Edward Chilton, ta' 44 sena, impjegat tas-socjeta` konvenuta, waqa' gholi ta' zewg metri waqt xoghol ta' manutenzjoni fil-Port Hieles, Birzebbugia, meta kien fuq makkinarju li jintuza sabiex jghabbi jew ihott *containers.* Fir-rigward dan l-incident huwa ma jiftakar xejn.

### Provi Prodotti

**Edward Chilton** fl-affidavit tieghu,[1] xehed limitatament ghad-danni li garrab u ghall-kumpens li kien qed jippretendi.

***Damnum Emergens:***

- Spejjes ta' tobba u kura: Lm152

[1] Esebit *a fol*. 29 tal-process.

**(Dok 1-8)**

- Spejjes sabiex l-Avukat Generali

rrilaxxja kopja tal-*process verbal* ta'

l-inkjesta magisterjali **(Dok.9)** Lm 30

Telf ta' dhul mill-impieg Lm293.22[2]

**TOTAL:**
**Lm475.22c.**

**(€1,106.96)**

***Lucrum Cessans:***

Skont l-esperti Medici Mr. Anthony Zrinzo u Mr. Mario Said li kkuraw lill-attur, gie stabbilit minhom li hu kien qed ibati minn debilita' permanenti ta' 16.55%. Ic-certifikati taghhom jinsabu ezebiti u mmarkati **Dok B**, *a fol.* 8 tal-process u **Dok C,** *a fol.* 12.

L-assikurazzjoni tas-socjeta` konvenuta rreferietu ghand l-ispecjalisti Mr. Norbert Vella u Mr. Alec Lapira u r-rapporti taghhom gew esebiti man-Nota tal-Eccezzjonijiet, *a fol*. 20 sa *fol*. 25 tal-process.

Kien hemm kwazi qbil fir-rigward tal-konkluzjonijiet tal-Esperti Medici Mr. Mario Said u Mr. Alec Lapira ghar-rata ta' debilita` permanenti tieghu, certifikat bhala 6.5% u 6% minnhom rispettivament, izda dan ma kienx il-kaz fir-rigward taz-zewg specjalisti l-ohra, peress illi filwaqt li Mr. Zrinzo kkonkluda li ghandu rata ta' debilita` ta' <u>10%</u>, Mr. Vella ddikjara li *"there is no evidence of any permanent <u>neurological</u> impairment resulting from the May 16, 2002, accident."*

Konsegwentement, fuq talba tal-attur, Dr. Anthony Zrinzo rrilaxxa certifikat iehor minhabba din id-diskrepanza, liema certifikat igib id-data tat-23 ta' Marzu 2005 u li jinsab esibit *a fol*. 44 tal-process **(Dok 15**). Hu jispjega li d-divergenza

---

[2] *Vide* affidavit tal-attur.

hija dovuta ghall-*grading systems* differenti li uzaw, ghaliex filwaqt li hu irrefera ghall-sistema Germaniza, li twassal ghall-grad ta' dizabbilta` ta' 10%, Dr. Vella ibbaza l-konkluzjonijiet tieghu fuq sistema Amerikana li twassal ghal 0% *rating.*

Edward Chilton fl-affidavit tieghu ddikjara li huwa bniedem tas-sengha, *electrician*. Meta sar l-incident, kien ilu erba' snin impjegat mas-socjeta` konvenuta. Fuq inkarigu tas-socjeta` konvenuta, kien jaghmel xoghol li kien jinvolvi manutenzjoni, tiswija, *servicing* in generali, kif ukoll li jahdem *"fl-gholi, ghal sieghat twal u taht pressjoni f'ambjent bhall-Freeport fejn il-fattur tal-hin huwa essenzjali".*

Minhabba l-incident huwa ma jistax iktar jaghmel xoghol fil-gholi, peress li jistordi. B' konsegwenza wkoll tal-incident, sar ibati minn nuqqas ta' smigh fil-widna tax-xellug, u ma jistax jerfa' oggetti tqal.

Is-socjeta` konvenuta tterminat - impieg tieghu b'effett mis-16 ta' Mejju 2003 (**Dok.10-11)** minhabba l-istat ta' sahhtu konsegwenza tal-incident.

Fis-6 ta' Ottubru 2003 sab impieg iehor ma' *Bonnici Brothers Limited* bhala *electrician* u a kawza ta' dak li gara, ix-xoghol tieghu hu dejjem fl-art minhabba l-kondizzjoni tieghu ta' sturdamenti, minbarra l-fatt ukoll, illi meta jkollu bzonn jerfa' xi haga tqila jibghatulu l-ghajnuna.

L-attur ezebixxa l-FSS formuli tal-Income Tax ghas-snin 2002 (Lm6542.31) u 2003 (Jan-May - Lm3018.76) **(Dok. 19 u 20),** kif ukoll l-FSS formoli tal-Income Tax ghas-snin 2004 (Lm7167) u 2005 (Lm7503) **(Dok 17 u 18**). Fid-data tal-incident is-salarju *gross* tieghu kien ta' Lm319.75 kull hmistax **(Dok.12)** thallas beneficcju tal-qaghad ghaz-zmien bejn il-21 ta' Mejju 2003 sat-28 ta' Mejju 2003 (**Dok.13)** u l-ghadha, fid-19 ta' Mejju 2003, beda xoghol mal-*employer* il-gdid tieghu. **(Dok.14),** liema hlas u komputat fit-talba tieghu ghall-kumpens ghat-telf mit-dhul tal-paga.

Meta xehed in kontro-ezami quddiem l-Onor. Qorti, diversament preseduta, fis-seduta tat-22 ta' Mejju 2007[3], huwa spjega li hu kien impjegat bhalha *auto electrician* mal-kumpanija *Bonnici Brothers Ltd.* Il-hinijiet tax-xoghol kienu bejn is-sebgha u t-tlieta ta' wara nofsinhar, bhala sieghat normali, izda meta kien hemm xi sahra, bejn is-sitta ta' filghodu u l-erbgha ta' wara nofsinhar, u din tal-sahra hija haga regolari. Fiz-zmien meta xehed, kien gieli jidhol is-Sibtijiet ukoll minhabba l-ammont kbir ta' xoghol.

Kompla jispjega li meta kien impjegat mas-socjeta` konvenuta, kienu jigu *detailed* sabiex jaghmlu xoghol fil-Freeport, fejn kien hemm hafna sahra u x-xoghol bhal, per ezempju, manutenzjoni tal-krejnijiet, la jinbeda ma jistax jitwaqqaf u jrid jitkompla sakemm jispicca.

It-Tabib Konsulent **Anthony Galea Debono** gie mahtur minn din l-Onorabbli Qorti, diversament preseduta, fil-21 ta' Gunju 2006, sabiex *"jaghmel kostatazzjonijiet fuq l-kondizzjoni newrologika tal-attur wara li jarah u wara li jiehu qies wkoll tar-rapporti medici relevanti ex-parte li diga` jinsabu fl-atti tal-kawza."*

Ir-rapport tal-espert mediku Dr. A. Galea Debono gie minnu pprezentat fis-6 ta' Lulju 2006.

Fir-rapport tieghu, huwa ghamel referenza ghal varji lezjonjiet li huma wkoll dokumentati fir-rapport ta' Dr. Zrinzo u Dr. Vella, kif ukoll ghall-fratturi li rrizultaw mis-*CT Scan* li sar ftit wara li ddahhal l-Isptar.

L-espert mediku ghamel ukoll accenn ghall-ilmenti tal-attur Edward Chilton, senjatament in-nuqqas ta' smigh fuq in-naha tax-xellug, kif ukoll l-isturdamenti. Dawn fl-opinjoni tieghu huma <u>definittivament</u> ir-rizultat tal-ksur tal-*mastoid bone.*

Dr. Galea Debono ghamel accenn ghall-fatt illi minn meta gie redatt ir-rapport ta' Dr. Zrinzo, kien hemm titjib fil-

[3] Xhieda *a fol. 71* tal-process.

kundizzjoni tal-attur. Dan minkejja l-fatt li kien ghadu jbati mis-segwenti lmenti:

- *Ugiegh fl-ispalla u fuq in-naha tax-xellug tal-ghonq jekk jaghmel xi sforz bid-drieh tax-xellug li jdum sal-ghada.*

- *Ugiegh fir-ras fuq in-naha tax-xellug, meta jinkwieta xi ftit.*

- *Sturdamenti ghal ftit minuti meta jghum fit-tul.*

- *Ftit li xejn problemi tal-memorja.*

- *Ugiegh f'dahru minn meta jqum filghodu u aktarx li jibqa' hekk tul il-gurnata kollha. Pero', peress li din il-problema bdiet sentejn wara l-incident, u kien hemm incident iehor fejn l-attur waqa' minn gholi ikbar, l-Espert Mediku hass li ma kienx gustifikat li wiehed iwahhal fl-incident tas-16 ta' Mejju 2002.*

Ghalhekk, wara li kkonsulta wkoll in-noti tal-Isptar San Luqa, l-*X Rays* rilevanti, kif ukoll il-varji rapporti medici dwar il-kaz, Dr. A. Galea Debono wasal ghal konkluzjoni li ma hemm l-ebda kontroversja fuq id-dizabbilta' permanenti li tirrigwarda l-problema tas-smigh u sturdamenti.

It-testijiet li saru minn zewg specjalisti tal-ENT, liema testijiet huma oggettivi, huma essenzjalment identici.

Id-dizabbilta' hija ta' 6%.

Indubbjament, il-kundizzjoni ta' Edward Chilton tjiebet, minkejja l-fatt li baqa' b'xi ilmenti li huma genwini u li jillimitaw il-potenzjal tieghu ghall-impieg.

*"Meta s-sintomi huma suggestivi, dejjem hemm diffikultajiet biex taghti figura ta' dizabbilta'. Li wiehed jikkwota minn guidelines ta' pajjizi ohra, mhux bilfors wiehed ikun qieghed jaghti lill-pazjent dak li haqqu. Wara kollox, Chilton illum ghandu sintomi illi ma kellux qabel l-incident. Veru illi dawn is-sintomi m'humiex ta' xi gravita' partikolari.*

*Fil-fehma tal-esponent, Chilton ghandu dizabbilta` globali ta' 9%, 6% ta' nuqqas ta' smigh, u 3% minhabba s-sintomi l-ohra."*

**L-attur ipprezenta Nota[4],** fejn fuq l-iskorta tal-konkluzjonijiet medici, resaq ghall-konsiderazzjoni tas-socjeta` konvenuta t-talba tieghu ghar-risarciment tad-danni fit-termini segwenti:

***Damnum Emergens:***

| | |
|---|---|
| Spejjes medici u klinici | Lm 152 |
| Telf ta' dhul mill-impieg | Lm 293.22 |

**Total : Lm 445.22**

***Lucrum Cessans*:**

**Ikkonsidrat** li l-attur iddikjara li ser joqghod ghall-konkluzjonijiet tar-rapport imressaq mill-espert mediku.[5]

| | |
|---|---|
| Dhul bazi | Lm 7500 |
| Multiplier | 17-il sena |
| Dizabbilta` | 9% |
| Riduzzjoni ghal *"lump sum payment"* | 20% |

**Total: Lm 9180.**

**Total Damnum Emergens & Lucrum Cessans:**
**Lm 9625.22c**

Is-socjeta` konvenuta, permezz ta' Nota ohra pprezentata fil-hdax ta' Dicembru 2006[6] indikat nuqqas ta' qbil fir-rigward is-segwenti:

[4] Nota pprezentata fit-3 ta' Novembru 2006, *a fol.* 65 tal-process,
[5] Verbal tas-seduta tal-15 ta' Novembru 2006.
[6] Esebita *a fol.* 68 tal-process

- Telf ta' dhul mill-impieg ikkalkolat bhala Lm293.22;
- Dhul bazi ta' Lm7500. Is-socjeta` konvenuta talbet rendikont tal-qliegh minn *overtime.*

Barra minn hekk, is-socjeta` konvenuta qieghda tikkontesta wkoll l-ispejjes ta' din il-kawza, u dan peress illi hi kienet accettat ir-responsabbilta' ghall-incident mertu tal-kawza odjerna, ferm qabel ma nfethu l-proceduri gudizzjarji mill-attur.

**KONSIDERAZZJONIJIET LEGALI**

**L-Artikolu 1045 (1) tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta**, li jipprovdi li *"il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha....hija t-telf effettiv li l-eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbati l-hsara l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qligh iehor attwali, u t-telf ta' qligh li tbati 'l quddiem minhabba inkapacita` ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-ghemil seta' jgib".*

Fis-sub-artikolu (2) insibu li "*Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita` tigi stabbilita' mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' inkapacita` ikkagunata, u l-kondizzjoni tal-parti li tbati l-hsara."*

Skont il-ligi tagħna l-likwidazzjoni tad-danni tinqasam f'żewġ aspetti: id-danni attwali (*damnum emergens)* u t-telf ta' qligħ futur *(lucrum cessans).*

Illi tali regoli gew supplimentati u interpretati bil-principji stabbiliti fil-kawza ewlenija **"Michael Butler vs Peter Christopher Heard" -** A.C. dec. fit-22 ta' Dicembru 1967, li tat origini ghalhekk imsejha *multiplier system,* li, pero' giet aggustata ghaz-zminijiet aktar ricenti peress li, kif intqal fil-kawza **"Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri et"-** A.C. dec. fis-16 ta' Novembru 1983, *"ic-cirkostanzi tal-hajja anke fil-gzira taghna nbidlu konsiderevolment u l-ammonti qieghdin isiru fuq kriterji ferm differenti minn*

*dawk li kienu jsiru ghaxar snin jew ghoxrin sena ilu”.* Ghalhekk il-Qrati taghna rritenew li ghandhom id-diskrezzjoni li jkunu iktar flessibbli *o meno* rigoruzi fl-applikazzjoni tal-linji gwida stabbiliti f'*Butler vs Heard.* Hekk gie ritenut li ghandhom juzaw "*l-arbitriju prudenzjali tal-Qorti, fil-limiti stabbiliti mil-liġi.* -"**Savona vs Asphar"**: App. deciza fil-23 ta' Gunju 1952***;*** *u li* **"** *ghandu jintuza bhala bazi wkoll f’dan il-kaz bid-differenza li n-numru ta’ snin ghandu jittiehed ghas-snin kollha tal-hajja lavorattiva tal-korrut*." (**Emanuel Mizzi vs Carmel. Attard**:-13.5.2003); u li "*dejjem għandu jkun hemm ċertu elastiċita` ta’ kriterji billi l-pronunzjament fil-likwidazzjoni in kwistjoni huwa wieħed ta’ probabbilta’. Inoltre, id-danneġġjat jingħata somma kapitali darba waħda biss, li meta tingħata b’sentenza m’hijiex aktar soġġetta għal ebda reviżjoni. Għalhekk din is-somma kapitali trid tkun tikkorrispondi kemm jista’ jkun mar-rejalta`" - "***Francis Sultana vs John Micallef et noe. et" -** Appell : 20.7.1994).

**Multiplier**

Il-kwistjoni tal-*multiplier* li normalment jintuza bhala mezz biex it-telf ta’ qligh li jinghata d-danneggjat jigi kalkolat, hija wahda li dwarha l-Qrati taghna f’dawn l-ahhar zminijiet flew sewwa. Xi kittieba awtorevoli f’dan il-qasam ifissru l-*multiplier* bhala:

*“A figure somewhat less than the number of years for which the loss is likely to continue-that is, in a personal injury action, until the plaintiff’s injuries cease to affect earnings or the plaintiff dies or retires. This figure is then reduced partly because of the `contingencies’ (i.e. that the plaintiff might not have lived or worked so long or might have lost earnings even if the accident had not occurred), and partly because the plaintiff is going to receive not an income but a capital sum which can be invested to produce an income. The multiplier is not the product of precise calculation, but of estimation in the light of the facts of the particular case and of other comparable cases”* (**Peter Cane, Atiyah’s Accidents, Compensation and the Law (6th Edit, 1999), pag. 122).**

Gie stabbilit li l-*multiplier* ghandu jibda jitqies minn dak inhar li sehh l-incident li fih il-vittma tkun garrbet il-griehi, (App.Civ. 16.11.1983 fil-kawza fl-ismijiet **Salvatore Mifsud vs Carlo Camilleri**) u mhux minn dak inhar li l-Qorti tasal ghal-likwidazzjoni tas-somma li ghandha tithallas bhala danni.

Minbarra dan, il-bixra ta' hsieb wara sentenzi ta' dawn l-ahhar snin f'dan il-qasam qieghda xxaqleb lejn it-tnehhija ta' skemi rigidi li jistghu jfixklu l-ghoti ta' kumpens misthoqq u xieraq ghac-cirkostanzi. Wahda minn dawn l-izviluppi hija fil-massimu tal-*multiplier,* fejn ghal numru kbir ta' snin ma tqiesx li seta' jaqbez l-ghoxrin (20). Ghar-ragunijiet li l-Qorti ghandha tfittex qabel kull haga ohra li tirreintegra kemm jista' jkun lil dak li jkun garrab hsara, u li terga' tqieghed lil tali persuna kemm jista' jkun fl-istat li kienet qabel l-incident, illum huwa accettat u approvat mill-oghla Qrati taghna li l-multiplier ikun jaqbel sewwa mal-eta` tal-vittma u mhux ma' kriterji arbitrarji.[7]

Dwar il-qies tal-*multiplier* jkun xieraq li wiehed jagħmel riferenza wkoll għal dak li hu mgħallem f'dan ir-rigward mill-awturi fejn jingħad li :

*"The most important factor to take into account when considering which multiplier to apply is, of course, the age and probable working life of the deceased and the expectation of life of the dependants… There must also be a discount for the uncertainties of life… Discount must also be made for the fact that the dependants will receive an accelerated benefit in the form of a lump sum rather than smaller benefits over a number of years. Because of these uncertainties the appropriate time for selecting the multiplier is at the time of death…*"; (**Thomas Saunt *Damages for Personal Injury and Death*** (Tielet Ediz, 1986), pag 53).

---

[7] Ara wkoll. **"Mary Bugeja nomine et vs George Agius nomine" -** App. dec. fis-26 ta' Lulju 1991; **"Vincent Axisa vs Alfred Fenech et"** (P. A. 16 ta' April 1991); **"Carmelo Camilleri vs Alfred Falzon"** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fl-14 ta'Mejju,1984.

L-ammont finali kkomputat fid-diskrezzjoni tal-Qorti ghandha thares lejn ic-*chances and changes of life"* - **"Paul Vassallo et noe vs Carmelo Pace"** (Q.A. tal-5 ta' Marzu 1986) intqal illi: *"In-numru ta' snin adottat bhala multiplier m'ghandux ikun bazat fuq l-aspettativa tal-hajja in generali tad-danneggjat izda fuq l-aspettativa tal-hajja lavorattiva tieghu u ghalhekk jittiehdu in konsiderazzjoni c-'chances and changes' tal-hajja".*

Kif inghad mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fid-9 ta' Jannar 1973 fil-kawza **Borg pro et noe vs Muscat:**

*"L-iskop tal-hlas tad-danni huwa dak li terga' tpoggi lil min ikun soffrihom fil-pozizzjoni daqs li kieku huwa ma gralu xejn".*

Illi fil-fatt fis-sentenza **"Anton Debono vs Law. Qunitano Foodservice Limited"** surriferita, gie rilevat li din it-tendenza hija alimentata mill-animu sabiex id-danneggjat ikun verament u realment ikkumpensat tad-danni li soffra, u dan apparti l-kuncett ta' *"pain and suffering".*

**Tnaqqis minhabba *lump sum payment.***

Illi dwar il-*lump sum* jinghad illi fil-kawza fl-ismijiet "**Paul Xuereb noe vs Emanuel Xuereb pro et noe."** (P.A. J.S.P.) deciza minn din il-Qorti fil-5 ta' Ottubru,1995, intqal:

*"Fir-rigward tar-riduzzjoni ghal-'lump sum payment' il-Qorti,............. jidhrilha li... ma ghandu jsir l-ebda tnaqqis fil-persentagg solitu ta' 20 fil-mija ghal-'lump sum payment' jekk ma jkunux ghaddew aktar minn tliet snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u jekk ikun ghadda dan il-perjodu allura ghandu jsir tnaqqis ta' 2% ghal kull sena minn dik id-data".*

Aktar ricentement, il-Qorti tal-Appell, fil-kaz **"Annunziata *sive* Nancy Caruana vs Odette Camilleri"** deciza fis-27 ta' Frar 2004, irribadiet li "*Ghall-finijiet tat-tnaqqis minhabba lump sum payment id-dekors taz-zmien ghandu*

*jibda jigi kalkolat minn meta tigi ntavolata l-kawza relattiva u mhux minn meta javvera ruhu l-incident ukoll relattiv."*

Skont kriterju li gie elucidat u applikat minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fil-kaz **"Jos Agius v All Services Ltd"** (P.A.TM 1809/01 deciz fit-2 ta' Gunju '05) "*f'kazijiet kongruwi, soltu li jsir tnaqqis iehor ta' 20% ghall-fatt li jkun ser ikun hemm hlas f'daqqa ("lump sum payment") lill-beneficcjarji. Jekk id-decizjoni, pero`, tkun se tinghata wara tul ta' certu zmien, hi l-prattika li l-persentagg ta' tnaqqis jonqos, u hi konswetudini tal-Qrati, li jekk kawza ddum aktar minn sentejn, il-persentagg jonqos b'zewg punti ghal kull sena ohra li l-kawza ddum biex tigi deciza*. "

**Applikati dawn il-principji** ghall-fatti in ezami, din il-Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet.

L-ewwel li jrid jigi determinat il-persentagg ta' dizabbilta` li soffra l-attur. Hawnhekk il-Qorti taghmel taghha l-konkluzjoni tat-Tabib konsulent Anthony Galea Debono, liema konkluzjoni giet accettata mill-attur, u li dan ghandu jitqies komplessivament bhala 9%.

Fir-rigward tad-*Damnum Emergens,* il-Qorti ma taqbilx mat-tezi tas-socjeta` konvenuta rigward it-telf ta' dhul. Fil-gimgha bejn impieg u iehor l-attur ircieva beneficcji socjali li kienu ferm inferjuri ghall-paga li kien igawdi qabel, liema paga tilifha konsegwenza u kagun tat-tort tal-*employer tieghu.* Ghalhekk il-Qorti mhiex ser tnaqqas dan l-ammont ta ' Lm293.22 u ser tilqa' it-talba ghall hlas ta' Lm445.22 (€1,037.08) in kumpens ghad-*damnum emergens.*

Fir-rigward tal-*lucrum cessans,* il-Qorti kkonsidrat li mir-rapport tal-Espert Mediku jirrizulta li l-attur kien ghadu qed ibati minn vertigini, u anke minn ugiegh. Il-hajja lavorattiva tieghu giet effettwata billi ma setax ikun fdat li jahdem fl-gholi u lanqas jista' jerfa' pizijiet. *Inoltre,* il-propensita` tieghu li ibati minn sturdamenti u jkun afflitt minn ugiegh ihallu impatt negattiv fuq il-kwalita` tal-hajja tieghu, u dan dejjem tort tan-negligenza u htija ta' haddiehor.

Il-Qorti ser taccetta l-*multiplier* ta' 17-il sena, li tipprospetta hajja lavorattiva sa' 61 sena ghall-attur, li kellu 44 meta sehh l-incident. Ser taccetta wkoll ir-rata ta' dhul annwu ta' Lm7,500 (€17,470.30) bhala bazi tal-kalkoli taghha. Fil-fatt jirrizulta li l-paga tal-attur kienet anke eccediet dan id-dhul fil-mori tal-kawza izda jinkludi wkoll dhul mis-sahra. Tenut kont li impjegat ma jistax jirrifjuta li jaghmel sahra meta dan ikun ragjonevolment rikjest mill-*employer*, kif ukoll li jirrizulta li s-sahra kien jaghmlu regolarment, il-Qorti ma tkunx gusta mieghu jekk taghmel distinzjoni bejn id-dhul mix-xoghol regolari u dak mill-*overtime.*

Madankollu, fir-rigward tas-snin li taghhom jirrizulta d-dhul reali tal-attur, il-Qorti ghandha tillikwida l-kumpens dovut ghad-danni abbazi tal-paga li dahhal u cioe` bejn 2002 sa 2005, abbazi tal-ammonti dikjarati ta' Lm6,542.31 (2002), l-istess ammont *arbitrio boni viri stante* li ma hemmx prova ghas-sena 2003 kollha imma biss ghal Jannar - Mejju 2003; Lm7167 (2004); u Lm7503 (2005) b'total ta' Lm27754.41 .

9% X €64,650.38 = €5,818.53 ghas-snin 2002 sa 2005
**9%** X (€17,470.30 X 13 sena) = €20,440.25

**Total : €26,258.78**

**Ikkonsidrat** ukoll li ghaddew kwazi tmien snin mid-data tal-prezentata tac-citazzjoni u b'harsa lejn il-gurisprudenza ccitata, ser tnaqqas 8% ghal-*lump sum payment cioe'* **€2100.72.**

Ghalhekk il-Qorti ser tillikwida l-kumpens dovut lill-attur skont is-segwenti:

| | |
|---|---|
| *Damnum Emergens* | €1,037.08 |
| *Lucrum Cessans* | €24,158.06 |
| | €25,195.14 |

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi**, billi fil-waqt li **tichad** l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta, **tilqa'** it-talbiet tal-attur billi: -

**1.** Tiddikjara lis-socjeta` konvenuta unikament responsabbli ghall-incident soffert mill-attur, mertu ta' din il-kawza, u

**2.** Tillikwida d-danni sofferti mill-attur b'rizultat tal-incident imsemmi fl-ammont ta' €25,195.14, u

**3.** Tikkundanna lill-istess socjeta` konvenuta thallas lill-attur din is-somma hekk likwidata ta' €25,195.14 bl-imghax millum.

L-ispejjez kollha jithallsu mis-socjeta` konvenuta.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------